# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Wiehed u tletin (31) ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru 202/12 FDP**

Fl-ismijiet

**Innocent Farrugia u martu Maria Farrugia**

**Vs**

**Fondazzjoni ghall-Iskejjel t'Għada, Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, u Direttur Ġenerali tal-Dipartiment tal-Artijiet u Proprjeta tal-Gvern, dawn ta' l-aħħar assunti mill-Awtorita' tal-Artijiet wara l-kreazzjoni tagħha, u dana kif verbalizzat fit-22 ta' Frar 2018.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ġuramentat datat 27 ta' Frar 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti talbu is-segwenti:

    1. *IIli l-esponenti huma proprjetarji tal-barriera li tinsab fl-inhawi maghrufa bhala "Tax-Xantin", Imqabba;*

    2. *Illi l-intimati jew min minnhom bnew skola primarja u playground adjacenti gewwa l-Imqabba, liema skola primarja u playground*

*jinsabu biswit proprjeta tar-rikorrenti, kif ser jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

3. *Illi fit-28 ta' Frar 2010, ikkollassat parti mill-istess playground tal-iskola primarja tal-Imqabba għal gewwa l-barriera proprjeta tar-rikorrenti;*

4. *Illi tali kollass seħħ minħabba traskuragni u/jew negligenza da parti tar-rikorrenti jew min minnhom fil-kostruzzjoni tal-istess skola u playground adjacenti li ma bnewx skond l-arti u sengha u fejn ma gewx osservati r-regolamenti tal-bini, kif ser jigi ahjar ippruvat waqt trattazzjoni tal-kawza;*

5. *Illi tali skola u playground huma proprjeta tal-Gvern ta' Malta;*

6. *Illi per konsegwenza ta' tali agir da parti tal-intimati jew min minnhom li wassal għall-kollass tal-playground tal-iskola primarja tal-Imqabba ghal gewwa l-proprjeta tar-rikorrenti, ir-rikorrenti batew id-danni, kif ser jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, għal liema danni jaħtu unikament l-intimati jew min minnhom minħabba traskuragni, negligenza u n-non osservanza tar-regolamenti tal-bini;*

7. *Illi l-intimati jew min minnhom, interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u eventwali pagament tad-danni anke permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Gunju 2010, baqgħu inadempjenti;*

*Jgħidu għalhekk l-intimati jew min minnhom għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Tiddikjara illi l-kollass tal-parti mill-playground tal-iskola primarja tal-Imqabba li seħħ fit-28 ta' Frar 2010 għal gewwa l-proprjeta tagħhom seħħ tort unikament tal-intimati jew min minnhom minħabba negligenza, traskuragni u n-non osservanza tar-regolamenti tal-bini da parti taghhom jew min minnhom u minhabba illi l-izvilupp ma sarx skond is-sengha u l-arti;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti per konsegwenza tal-kollass ta' parti mill-iskola primarja tal-Imqabba fit-28 ta' Frar 2010 għal gewwa l-proprjeta taghhom, okkorrendo jekk ikun il-kaz, permezz tal-hatra ta' periti nominandi;*

3. *Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallas id-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-25 ta' Gunju 2010 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati ingunti minn issa in subizzjoni.*

4. Rat ir-risposta ġuramentata tad-**Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Artijiet u Propjeta' tal-Gvern**, ipprezentata fil-21 ta' Marzu 2012 (fol 15) fejn laqa' ghal dak lilu imputat, billi qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *Preliminarjament ir-responsabbilita' għall-gestjoni tas-sit mertu tal-kawza odjerna ma kenitx dik ta' l-eccipjenti li lanqas ma jista' jinzamm responsabbli ghall-agir ta' terzi;*

    2. *Illi mingħajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma esegwixxa ebda xogholijiet fl-art imsemmija u konsegwentament ma seta' qatt ikkommetta xi agir traskurat jew negligenti li seta' rrekka xi dannu lill-atturi;*

    3. *Illi mingħajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu trid issir il-prova illi l-kollass kien rizultat dirett tax-xogħolijiet li gew esegwiti u mhux konsegwenza ta' cirkostanza fortuwita jew adirittura agir magħmul mill-atturi stess fit-tħaffir tal-barriera;*

    4. *Illi filwaqt illi l-esponenti jirrileva illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt, jecepixxi illi f'kull kaz trid issir il-prova ta' l-allegat hsara u danni sofferti;*

    5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

5. Rat ir-risposta tal-**Fondazzjoni ghall-Iskejjel ta' Ghada, tal-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol u tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni,** fejn laqghu ghal dak lilhom imputat, billi qajjmu s-segwenti difiżi (fol 17):

    *(1) Illi preliminarjament u assolutament mingħajr ebda preġudizzju, il-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol mhux il-legittimu kuntradittur f'din il-kawża u dan in vista ta' l-artikolu 181B(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi dan li gej:*

    *"181B. (1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.."*

    *(2) Illi, mingħajr preġudizzju, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti kif vantati fir-rikors guramentat, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-raġunijiet segwenti;*

    *(3) Illi l-barrieri li jkunu jappartjenu lil terzi huma fil-fatt mifrudin minn hajt relattivament irqiq li huwa mnissel mill-blat;*

*(4) Illi f'dan il-każ li ġara kien li barriera minnhom li fuqha nbniet il-playground mill-esponenti, giet żmien ilu mimlija bit-terrapien, u dan seħħ qabel ma din l-istess art li fuqha nbniet l-istess playground giet f'idejn l-esponenti;*

*(5) Illi, ġara wkoll li l-barriera li qed jirreferu għaliha r-rikorrenti, fil-fatt baqghet kontinwament tigi użata mir-rikorrenti li dejjem komplew iħaffru iktar fil-fond;*

*(6) Illi in linea ma' l-artikolu 440 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta: "... kull min jaghmel xi thaffir, iwiegeb ghall-ħsarat li b'dak it-thaffir isiru fil- bini tal-gar..."*

*(7) Illi l-ħajt li jifred il-barrieri huwa l-ħajt diviżorju. Fil-każ odjern, il-ħajt diviżorju kien fih diversi konsenturi u qasmiet anki orizzontali u għalhekk il-ħajt ma felaħx ghall-pressjoni eżercitata mill-istess materjal li mela l-barriera li fuqha hemm il-playground, kif ukoll minħabba l-pressjoni idrostatika.*

*(8) Illi għaldaqstant kien għalhekk li sehh il-kollass nhar it-28 ta Frar 2010;*

*(9) Illi għandu jirrizulta bl-aktar mod univoku waqt it-trattazzjoni tar-rikors, illi fil-fatt l-uniku xogħol li twettaq mill-esponenti kien li wittew il-wicc tal-istess art sabiex jiġi kostruwit il-playground u dan żgur ma jistax jiġi meqjuż bħala xi mod li permezz tiegħu saret il-ħsara msemmija jew li permezz tieghu l-istess rikorrenti seta' sofra xi danni;*

*(10) Illi l-esponenti m' għandhomx jinżammu responsabbli għal negligenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tar-rikorrenti nnifishom peress illi kwalunkwe xogholijiet li setghu saru, saru biss fin-naħa li tappartjeni lir-rikorrenti u mill-istess rikorrenti u li għaldaqstant kull prekawzjoni setghet tittiehed biss mir-rikorrenti*

*(11) Illi jirriżulta li l-hajt diviżorju kien digà beda juri fid-deher li kien hemm sinjali preokkupanti u allarmanti u li kien hemm riskju gravi ta' kollass, kif jidher b'mod pależi mir-ritratti fir-rapport magħmul mill-konsulent geotekniku Anthony Cassar, li jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A';*

*(12) Illi għall-kuntrarju ta' dak li ntqal fir-rikors promotur, l-iskola u l-playground gew mibnija skont id-drawwiet u r-regoli tas-sengħa taż-żmien li fih inbnew kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*(13) Illi qabel ma jippuntaw subgħajhom lejn l-esponenti, ir-rikorrenti għandhom igibu prova tan-ness bejn dik il-kawża li mbagħad wasslet*

*għal dak li fil-fatt gara u ċioé jekk dan il-kollass seħħx minħabba kaz fortuwitu jew inkella minħabba l-agir tar-rikorrenti stess bhala riżultat tat-tħaffir kontinwu fil-barriera tagħhom, u dan in linea mal-principju stabbilit f'diversi sentenzi fosthom dik ta'* ***Nancy Caruana vs Odette Camilleri*** *deċiża nhar it-13 ta' Frar 2001 fejn intqal li: "Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni jinkombi fuq l-atturi li qegħdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali 'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat'. Ir-rikorrenti jrid jifhem li l-oneru hu distribwit b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha 'actori incumbit probatio'.*

*(14)Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

**PROVI**

6. Rat il-provi prodotti mir-rikorrent Innocent Farrugia, ossija s-segwenti:

    a. L-affidavit ta' **Innocent Farrugia** pprezentat fis-27 ta' Gunju 2012 (fol 46);

    b. **WPS 34 Jennifer Mallia** li xehdet fil-31 ta' Ottubru 2012 u pprezentat r-rapport tal-Pulizija dwar l-incident (fol 54 -59);

    c. Il-**PL Joe Catania**, Senior Legal Procurator fi hdan il-MEPA, li xehed fil-31 ta' Ottubru 2012 u esebixxa Permess Nru 3787/02 (fol 60);

    d. Il-**Perit Tancred Mifsud**, li xehed fil-31 ta' Ottubru 2012 u esebixxa rapport 'ex parte' dwar il-ħsarat sofferti mir-rikorrenti (fol 61 – 70), kif ukoll xehed fit-8 ta' Mejju 2013 (fol 132 – 135);

    e. Id-dokumentazzjoni esebita mill-MEPA permezz ta' nota fl-1 ta' Frar 2013 (fol 88 – 120);

    f. **Joseph Formosa**, Foreman tal-Enemalta inkarigat minn Luqa, li xehed fit-8 ta' Mejju 2013 dwar dak li ra wara li acceda fuq il-post hekk kif gie mgħarraf bl-incident u x-xogholijiet li kellhom isiru biex jsiru r-riparazzjoni fid-dawl (fol 122 – 131);

    g. Il-**Perit Tancred Mifsud**, li xehed fit-8 ta' Mejju 2013 (fol 132 – 135);

    h. Ir-rikorrent **Innocent Farrugia** li xehed fit-3 ta' Lulju 2013 u ipprezenta prospett ta' l-ispejjez minnu inkorsi (fol 143 - 158);

    i. **Oliver Magro**, rappresenant tal-MEPA, li xehed fit-3 ta' Lulju 2013 dwar iz-zona fejn hemm il-propjeta' meritu tal-kaz odjern (fol 159 – 164);

j. Il-**Perit Tancred Mifsud**, li xehed fit-3 ta' Lulju 2013 u esebixxa prospett dettaljat dwar id-danni u telf sofferti mir-rikorrent, li gew kalkolati fl-ammont ta' €141,569.27 (fol 165 – 183);

k. Il-**PS 386 Joseph Cauchi**, li kien is-Surgent tal-Pulizija li investiga l-incident 2019 (fol 184 – 189);

l. Il-**Perit Tancred Mifsud**, li xehed fl-20 ta' Novembru 2013 li xehed ulterjorment u pprezenta Survey Report tal-art (fol 192 – 195);

m. **Marica Micallef**, bint ir-rikorrenti, li xehdet fit-30 ta' Jannar 2014 (fol 197 – 221);

n. **Dr Charmaine Cristiano Grech**, rapprezentanta tal-Ministeru tal-Edukazzjoni (fol 226 – 227) li xehdet fil-25 ta' Marzu 2014;

o. **Christopher Pullicino**, Chief Finance Officer tal-Fondazzjoni tal-Iskejjel ta' Ghada, li xehed fil-25 ta' Marzu 2014 dwar ix-xogholijet li saru mill-Fondazzjoni (fol 228 – 230);

p. Il-kuntratt tal-akkwist tal-art da' parte datat 12 ta' Ottubru 1992 u ezebit fil-25 ta' Marzu 2014 (fol 230 – 247);

q. **Dr Charmaine Cristiano Grech**, rapprezentanta tal-Ministeru tal-Edukazzjoni (fol 249) li xehdet fit-28 ta' Mejju 2014 dwar xogholjiet ta' estensjoni fl-iskola biswit il-fond tar-rikorrent;

r. **Christopher Pullicino**, rapprezentant tal-Fondazzjoni tal-Iskejjel ta' Ghada, li xehed fit-28 ta' Mejju 2014 dwar xogholjiet ta' estensjoni fl-iskola biswit il-fond tar-rikorrent (fol 250 – 251);

s. **Innocent Farrugia**, li xehed fis-6 ta' Novembru 2014, dwar il-fatti tal-kaz.

7. Rat illi fis-6 ta' Novembru 2014, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi u talab li jinhatar perit biex jistabbilixxi r-ragun tal-kollass, liema nomina l-Qorti irriservat li tagħmel fi stadju ulterjuri.

8. Rat il-provi prodotti mill-intimati kollha, ossija s-segwenti:

a. L-affidavit ta' **Carmel Farrugia**, General Manager tal-Fondazzjoni meta sehh l-incident, ipprezentat fit-28 ta' Jannar 2015 (fol 257);

b. L-affidavit tal-**Perit Leonard Zammit**, Perit tal-Fondazzjoni, ipprezentat fit-28 ta' Jannar 2015 (fol 257A – 259);

c. **Herman Borg**, Principal Technical Officer fi hdan id-Dipartiment tal-Artijiet, li xehed fl-24 ta' Marzu 2015 dwar it-titolu ta' ċens temporanju tal-art meritu tal-kaz odjern moghtija fit-13 ta' Marzu 1969, kif modifikat b'kuntratt datat 26 ta' Lulju 1989, u espropriju ta' parti mill-art illi saret fit-12 ta' April 2007 (fol 262 – 271);

d. **Herman Borg**, Principal Technical Officer fi hdan id-Dipartiment tal-Artijiet, li xehed fis-26 ta' Mejju 2015 in kontinwazzjoni ma' dak li dwaru kien beda jixhed fis-seduta preċedenti (fol 272 – 277);

e. **Innocent Farrugia**, in kontro eżami, prodott fis-26 ta' Mejju 2015 (fol 278 – 279);

f. L-affidavit ta' **Peter Mamo**, Kummissarju tal-Artijiet, ipprezentat fis-6 ta' Ottubru 2015 (fol 281 – 291);

g. Il-**Perit Anthony Cassar**, prodott fil-11 ta' Jannar 2015, li kkonferma r-rapport minnu redatt u pprezentat mill-intimati flimkien mar-risposta tagħhom (fol 22), u xehed dwar ir-ragunijiet tal-kollass (fl 292 – 294);

h. Il-**Perit Tancred Mifsud**, li xehed in kontro ezami fid-19 ta' Jannar 2016 (fol 296 – 302);

9. Rat illi fl-14 ta' April 2016, l-intimati lkoll iddikjaraw illi ma fadallhomx provi, ghajr ghall-kontro eżamijiet.

10. Rat il-kontro eżamijiet ta';

a. **Carmel Farrugia** li saret fit-18 ta' Mejju 2016 (fol 310 – 312);

b. **Il-Perit Leonard Zammit** li saret fit-18 ta' Mejju 2016 (fol 313 - 315).

11. Rat illi fl-20 ta' Ottubru 2016, fuq talba tar-rikorrenti, inhatar il-Professur Alex Torpiano bhala Perit Tekniku sabiex jistabilixxi l-kawża tal-kollass.

12. Rat illi fit-22 ta' Gunju 2017, il-Professur Alex Torpiano ipprezenta r-relazzjoni tiegħu (fol 322 – 344), li ġiet minnu kkonfermata fil-25 ta' Ottubru 2017.

13. Semgħet l-eskussjoni viva voce illi saret lill-Professur Alex Torpiano fit-12 ta' Dicembru 2017 (fol 348 – 351).

14. Rat illi fit-22 ta' Frar 2018, il-partijiet qablu li ma kienx hemm aktar provi u li l-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet bil-miktub.

15. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti pprezentati fis-6 ta' Lulju 2018.

16. Rat is-sottomissjonijiet tal-Awtorita' tal-Artijiet ipprezentanti fid-9 ta' Awissu 2018.

17. Rat is-sottomissjonijet tal-Fondazzjoni ghall-Iskejjel ta' Ghada, tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol u tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, ipprezentati fis-6 ta' Settembru 2018.

18. Rat illi fl-20 ta' Novembru 2018, il-kawża ġiet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' April 2019.

19. Rat illi fit-23 ta' Mejju 2019, hekk kif din il-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-atti, gie sospiż l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex il-partijiet jgħarrfu lill-Qorti jekk ridux jittrattaw quddiem dina l-Qorti, kif presjeduta.

20. Rat illi fis-26 ta' Gunju 2019, il-partijiet qablu illi l-kawża setgħet tithalla għas-sentenza abbażi tal-provi prodotti quddiem il-Qorti, diversament ippresjeduta.

## KONSTATAZZJONIJET FATTWALI

21. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent Innocenzo Farrugia kien akkwista varji artijiet fiz-zona tal-Imqabba mingħand Joseph Ellul fit-12 ta' Ottubru 1992, fosthom l-Utile Dominium Temporanju li kien fadal ta' disgħa u disgħin sena konċessjoni enfitewtika temporanja mit-13 ta' Marzu 1969, ta' għalqa fil-limiti tal-Imqabba, kontrada tax-Xantin, (fol 201) li fiha l-istess rikorrent kien jopera barriera li kienet ilha hemm sa minn qabel is-sena 1939. (fol 62)

22. Jirrizulta illi fit-8 ta' Marzu 2007, parti mill-art konċessa lir-rikorrenti, tal-kejl ta' 1,914 metru kwadru, ġiet espropriata mill-Gvern tal-gurnata, għal skopijiet pubbliċi. (fol 268)

23. Jirrizulta, di fatti, illi tali art li ġiet espropriata kienet attwalment barriera illi kienet magħluqa u mirduma sal-livell tal-bini, u kienet adjaċenti għall-barriera illi fiha kien għadu qed jopera r-rikorrent, u bejn tali art u l-barriera tar-rikorrenti, li hija mħaffra madwar disa sulari 'l isfel, kien hemm ħajt tal-blat tal-ħxuna ta' madwar għaxar piedi.

24. Jirrizulta illi l-art li ġiet espropriata u li kienet biswit il-barriera tar-rikorrenti, kienet attwalment intiża sabiex issir estenzjoni tal-'playing field' ta' l-Iskola Primarja tal-Gvern illi kienet gia mibnija adjacenti mal-artijiet meritu tal-kawża odjerna, kif jidher mill-korrispondenza esebita mill-Fondazzjoni intimata datata 7 ta' Lulju 2004 u 20 ta' Gunju 2007 (fol 274 u fol 275).

25. Jirrizulta illi sussegwentement, fuq tali biċċa art, l-Fondazzjoni intimata għamlet estenzjoni ta' l-iskola kif ukoll sussegwentement bniet area ta' rikreazzjoni ghat-tfal, fuq tali għalqa espropriata, kif jidher mir-ritratti mill-ajru meħuda mill-Awtorita' tal-Ippjanar u datati 2004 u 2008, a fol 162 u 163 tal-proċess, liema area ta' rikreazzjoni saret minghajr il-ħtiega ta' permess da' parte tal-MEPA, skond il-Perit Leonard Zammit li kien inkarigat mix-xogholijiet ghall-Fondazzjoni.

26. Jirrizulta illi wara li saru x-xogholijiet u tlestiet il-'*playing area*', ir-rikorrent beda jilmenta illi meta saru xogholjiet ta' 'embellishment' kif ukoll inbniet il-'5-a-side pitch' tal-'football', l-ilma kollu li kien jinġabar kien qieghed jiskula ġewwa katusi ta' l-ilma illi kienu jarmu l-ilma ġewwa l-barriera tiegħu.

27. Jirrizulta illi r-rikorrent kien kellem lil Carmel Farrugia, li kien il-General Manager tal-Fondazzjoni dak iz-zmien, u, fi kliem Carmel Farrugia stess, "*mistoqsi x'mizuri hadt fir-rigward, ngħid illi xejn.*" (fol 311)

28. Jirrizulta illi fit-28 ta' Frar 2010, il-gurnata tal-Ħadd, filghodu, ċediet parti sostanzjali mill-hajt tal-blat li jaqsam il-barriera tar-rikorrent mill-barriera mirduma fejn kien hemm iz-zona rikreattiva ta' l-iskola, u baqa' nieżel fil-barriera tar-rikorrent, aktar minn disa' sulari 'l isfel, bir-riżultat illi kmamar tax-xogħol u apparat elettriku illi kien hemm fil-barriera ġġarrfu kompletament kif ukoll parti mill-barriera spiċċat inoperabbli stante illi mimlija blat li ġġarraf riżultat tal-incident.

29. Jirrizulta illi l-Perit tar-rikorrent, il-Perit Tancred Mifsud, kif ukoll ir-rikorrent stess, jikkontendu illi tali kollass tal-blat diviżorju seħħ riżultat tal-fatt illi meta nbniet iz-zona rikreattiva, kienu gew installati żewġt katusi kbar li kienu jitfghu l-ilma fil-ħamrija ħdejn il-blat diviżorju, li wassal sabiex tali ħajt iddghajjef u ċeda.

30. Jirrizulta, mill-banda l-oħra, illi l-Periti tal-Fondazzjoni, ossija il-Perit Leonard Zammit kif ukoll l-Perit Anthony Cassar, jikkontendu illi l-kollass seħħ riżultat tal-fatt illi d-dislivell bejn l-art tal-playing field u l-barriera kien kbir hafna u l-pressjoni fuq il-blat kibret aktar ma ħaffer l-isfel ir-rikorrent, bir-rizultat illi eventwalment dana wassal ghall-kollass ta' parti mill-blat.

## KONSTATAZZJONJIET TEKNICI

31. Jirrizulta illi, tenut kont ta' dawna z-zewg opinjonijiet tekniċi opposti dwar ir-ragunijiet li wasslu ghall-kollass tal-blat, l-Qorti appuntat bhala Espert tal-Qorti lill-**Perit Professur Alex Torpiano** sabiex jevalwa z-zewg teżijiet tal-partijiet u jasal ghall-konkluzjoniijet tekniċi tiegħu dwar x'seta' wassal ghall-kollass tal-blat diviżorju.

32. Jirrizulta illi l-abbli Perit Professur Torpiano għamel is-segwenti osservazzjonijiet u konklużjonijiet, illi jkun opportun illi jiġu ri-prodotti fil-korp tas-sentenza ghall-kompletezza tal-process Gudizzjarju:

> Illi wara li ra ix-xhieda msemmija u r-rapporti tekniċi u l-opinjonijiet tad-diversi Periti, l-esponenti jissottometti:
>
> Illi kien hemm żewġt teżijiet dwar il-kawża tal-kollass. L-ewwel teżi, ppreżentata mill-Perit Cassar u l-Perit Zammit, kienet li l-kollass seħħ minħabba il-kontinwazzjoni tax-xogħol tal-barriera mir-rikorrent, kemm minħabba l-pressjoni fuq il-ħajt diviżorju allegatament tiżdied, hekk kif l-għoli tal-barriera tar-rikorrenti jiżdied, u kemm minħabba xi vibrazzjonijiet li l-istess qtugħ ta' blat seta' ikkawża. It-tezi l-oħra, ppreżentata mill-Perit Mifsud kienet li l-kollass seħħ minħabba li kien sar tibdil fil-ġbir ta' l-ilma tax-xita, li wasslet biex il-pressa idrawlika fuq il-ħajt diviżorju żdiedet; huwa wkoll sostna li kien hemm żieda fl-għoli ta' l-irdim meta sar il-"*playing field*", li wkoll żiedet il-pressa fuq il-ħajt.
>
> Mil-lat tekniku, l-esponenti ma jaqbel xejn mat-teżi li l-pressa fuq il-ħajt diviżorju tiżdied aktar mal-barriera tar-rikorrenti titħaffer. Din it-teżi hija kompletament żbaljata. Fit-tieni paġna ta' l-affidavit tiegħu, il-Perit Zammit, a fol 258, juri stampa, li biha jixtieq jispjega għaliex, jekk il-fond tal-qiegħ tal-barriera fuq ix-xellug, jiġifieri dik li tirrapreżenta l-barriera tar-rikorrenti, jiżdied, il-pressa li ġejja mill-mili fil-barriera fuq il-lemin, jiġifieri taħt il-'*playing field*', tiżdied. Imma din l-istampa ma tirrappreżentax is-sitwazzjoni attwali. L-istampa tassumi li l-materjal fuq kull naħa tal-ħajt diviżorju huwa l-istess tip ta' mili. Dina hija assolutament mhux is-sitwazzjoni attwali. Dak li jissemma bħala ħajt diviżorju ma kienx ħajt bejn żewġ livelli ta' mili, imma kien parti integrali mill-blat li jifforma il-qiegħ tal-barrieri fuq kull naħa.
>
> Fuq in-naħa tal-lemin, il-fond tal-mili, li jitfa' għafsa fuq il-blat li jifforma l-ħajt diviżorju, huwa mill-wiċċ attwali tal-'*playing field*' sal-livell tal-qiegħ tal-barriera li ntradmet. L-għoli ta' din il-barriera kienet dikjarata mir-rikorrenti bħala tlett sulari qabel ma ntradmet. Il-fond tal-mili ma nbidilx meta it-tħaffir fil-barriera fuq ix-xellug żdied; u għalhekk l-anqas il-pressa ma żdiedet.
>
> Għaldaqstant huwa kompletament skorrett li wieħed isostni li l-pressa setgħet żdiedet meta r-rikorrenti kompla jħaffer fil-barriera tiegħu. Il-pressa mill-mili baqgħet neċessarjament l-istess li kienet meta l-barriera ntradmet. Jekk, kif xehed il-Perit Mifsud, huwa l-każ li l-għoli tal-mili żdied fl-2004, dan kien l-unika mument meta l-pressa fuq il-ħajt diviżorju seta' jiżdied.
>
> It-teżi li x-xogħol ta' tħaffir bil-magni seta' kien kawża tal-kollass, minħabba vibrazzjoni, hija wkoll ta' min jiskartaha, għaliex il-magni fil-fatt huma srieraq ma toħloqx vibrazzjoni b'enerġija suffiċjenti biex tikkawża ċaqliq ta' massa blat bħal dik li kkollassat.
>
> Fir-rapport tiegħu, il-Perit Cassar jispekula li seta' kien li l-irdim li kien hemm fuq is-saqaf tal-ġiebja kien wassal biex sfronda l-istess saqaf, u, b'konsegwenza, kien hemm "*progressive collapse*" tal-ħajt diviżorju. L-esponenti ma tantx huwa konvint minn dina t-tezi; fir-ritratti tal-kollass jidher li, fuq il-fdalijiet tal-ħnejjiet tas-saqaf tal-ġiebja, ix-xorok huma sħaħ u mhux maqsumin. Mill-banda l-oħra, ritratt Nru 2 juri, minn wara, li l-ħajt ta' barra tal-ġiebja (lejn il-barriera tar-rikorrenti) tqaċċat 'il barra. L-ipotezi li l-esponent jagħmel minn dak li jara hi li l-pressa fuq il-ħajt diviżorju żdiedet, għal xi raġuni, anke 'il fuq mis-saqaf tal-ġiebja, u b'hekk tqaċċat il-blat li kien għadu sħiħ, biex ġonġew ruħhom ukoll xi fessuri eżiżtenti fil-madwar, tant li l-massa ta' blat setgħet tiċċaqlaq.

It-tezi tal-Perit Mifsud, li waħda mir-ragunijiet tal-kollass kienet li wara t-2004, żdiet l-għoli ta' l-irdim b'zewgt sulari, biex il-wiċċ wasal sal-livell ta' l-Iskola, hija attendibbli. Pero', l-esponenti ma sab l-ebda konferma, fix-xhieda kollha li qara, li dana fil-fatt sehh. L-esponenti huwa ukoll xettiku li, meta ntradmet il-barriera, li kellha, f'dak il-mument, tlett sulari fond, dan sar biss sa għoli ta' sular, biex b'hekk il-wicc baqa' żewġ sulari taht il-livell oriġinali, jekk hemm provi li din iż-żieda fl-għoli ta' l-irdim seħħet, allura, din l-ispjegazzjoni ikollha ħafna valur, imma jekk m'hemmx provi oħra, jew aktar ċari, ma tantx wieħed seta' jagħtiha piż.

It-tezi l-oħra tal-Perit Mifsud kienet li t-tibdil ta' kif kien jinġabar l-ilma tax-xita biddel l-istat tal-pressa idrostatika fuq il-ħajt diviżorju. Ix-xhieda hija konsistenti li l-ilma tal-*playing field* li taħtu ngħata il-konkos inġabar f'*inspection chamber* li oriġinarjament jidher li kienet titfa' direttament fuq il-barriera tar-rikorrenti. Wara li saru lmenti mir-rikorrenti, l-istess ilma gie indirizzat fil-ħamrija ta' wara l-hajt diviżorju. Fix-xhieda tal-Perit Mifsud kien hemm dubju jekk il-*catchment*, jiġifieri l-arja li fuqha taqa' x-xita li tinġabar, kienx żdied meta sar ix-xogħol; imma l-Perit Zammit, li kien responsabbli ghax-xogħolijiet, xehed li dawn il-katusi kienu jieħdu l-ilma **kollha** tal-bjut ta' l-Iskola. Jekk, kif jidher stabbilit, inbidel il-volum ta' ilma li kien jinġabar fil-ħamrija ta' wara l-ħajt diviżorju, u jekk, minflok li l-istess ilma ma baqax assorbit minn arja relattivament kbira ta' ħamrija u mili, imma gie konċentrat f'post wieħed, allura t-teżi li din kienet kawża tal-kollass tibda ssir aktar soda.

Fix-xhieda saret enfazi, mill-Perit Zammit, li l-post fejn kien jintefa' dan l-ilma kien il-bogħod mis-sit tal-kollass; imma din id-distanza ma ddgħajjifx it-teżi tal-pressa tal-ilma, minħabba, l-ewwel nett, li l-ilma jiġri ma' kullimkien, u minhabba l-fatt li, meta jkun hemm "*saturation*" ta' ħamrija, jiġifieri l-ħamrija tkun mifqugha bl-ilma, l-pressa idrostatika tkun uniformi ma' kull punt li fih jasal l-ilma – u mhux, kif qisu jgħid il-Perit Zammit, il-pressa tkun aktar qawwija viċin is-sors ta' l-ilma. Il-massa ta' blat tal-ħajt diviżorju setgħet kellha pressa uniformi, imma falliet f'post partikolari, l-ewwel nett minħabba l-konfigurazzjoni ta' xi fessuri u qiegħan fil-blat, imma wkoll għaliex, fejn kien hemm il-ġiebja, kien hemm anqas blat li kellu jitqaċċat qabel ma jaqa' l-ħajt.

Ix-xhieda tidher konsistenti li fejn qabel l-ilma kollu kien jintefa' ġol-barriera tar-rikorrenti, meta dan għamel ilment, l-istess katusi semplicement ntradmu, mingħajr ma twaqqaf l-ilma li jgħaddi minnhom. Ir-rikorrenti, Innocent Farrugia, xehed bil-qawwa li l-kwistjoni ta' l-ilma dejjem inkwetatu; dan kien ikkonfermat mix-xhieda tat-tifla, Marica Micallef, kif ukoll minn Charles jew Carmel Farrugia li irċieva l-ilment – u li ammetta li wara l-ilment m'għamel xejn.

It-tezi ta' l-ilma hija, għalhekk, kredibbli, u teknikament valida. Naturalment, dan ma jfissirx li ma kienx hemm fatturi oħra. Il-Perit Cassar iffoka, bħala fattur li kkontribwixxa għall-kollass, il-fatt li l-blat kellu fissuri u qiegħa, li dgħajjfu l-istess hajt diviżorju. Il-Perit Cassar jagħmel riferenza għal fissura vertikali wiesgħa li tidher fir-ritratti tal-barriera qabel il-kollass; però din il-fissura ma kenetx parti mill-kollass, għaliex għadha hemm – kif jidher mir-ritratti meħudha mill-esponenti, fl-access li sar fit-28 ta' Mejju 2017. Fl-istess aċċess seta' jiġi osservat il-blat fil-madwar tal-barriera. F'inħawi fuq il-lemin ta' fejn kien hemm il-kollass, fil-parti ta' fuq tal-blat, jidhru kunsenturi kwazi orizzontali – imma dawn huma 'il fuq wisq biex jispjegaw il-kollass in eżamina – kif ukoll kunsenturi inklinati. Fl-uċuh tal-barriera, fuq ix-xellug tas-sit tal-kollass, jidhru ukoll kunsenturi orizzontali fil-parti ta' fuq, u ohrajn inklinati. Il-kollass attwali ma jidhirx li kien marbut ma' xi fessuri inklinati.

Fir-ritratt li jidher fir-rapport tal-Perit Cassar, Nru 8, ta' qabel il-kollass, tidher linja orizzontali li tista' tindika fissura orizzontali li tikkorrispondi ma' fejn fil-fatt waqa'

il-ħajt diviżorju; pero' l-kwalita' tar-ritratt ma jippermettix lill-esponenti li jkun cert minn dan. Din, però, hija ipoteżi valida.

Fl-aħħar nett, r-ritratti 9 u 10 juru il-wiċċ vertikali tal-blat fejn nqata' minn mal-massa li filfatt waqgħet. Fuq in-naħa tal-lemin tal-kollass (meta tħares minn gol-barriera) – ritratt Nru 9 – jidher wiċċ iswed, li jindika presenza ta' fissura vertikali eżistenti qabel il-kollass, li minnha kien jgħaddi hafna ilma. Fuq in-naha tax-xellug, il-blat jidher (hlief f'parti zghira ta' fuq), nadif u frisk – li tindika qasma ġdida, aktar minn fissura ezistenti.

Wieħed jista' jikkonkludi li l-blat, f'din il-barriera, (kif ukoll hi n-natura tal-blat), kien hemm fissuri ezistenti li naqqsu l-integrita' tal-ħajt diviżorju, imma li, biex waqa' l-ħajt, bil-fors nqasam xi blat li ma kienx maqsum sa dak il-mument, biex b'hekk il-massa tal-blat saret massa indipendenti mill-madwar u setghet taqa'.

Certament, wieħed ma jistax ikun żgur dwar dak li gara, imma ladarba il-mili u l-blat li kien jilqa' l-mili, kienu fis-sitwazzjoni li kienu qabel il-kollass, għal madwar tletin sena, wieħed jista' jipotizza dwar x'seta' nbidel, biex gara li gara.

Fuq il-blat li kien jifforma l-ħajt diviżorju, setgħet żdiedet il-pressa – billi żdied l-għoli tal-mili, jekk dan kien il-kaz, jew billi zdiedet il-pressa idrostatika, billi l-ilma li kien qiegħed jintefa' ġol-ħamrija ma kellux fejn imur, u b'hekk inbniet pressa wara il-ħajt divizorju; jew seta' jkun li l-istess blat iddghajjef biż-żmien, possibbilment, minħabba l-presenza aktar qawwija ta' ilma.

In konklużjoni, l-esponent jissottometti li waqt li ma jaqbilx mat-teżijiet tekniċi prinċipali tal-Perit Cassar u l-Perit Leonard Zammit, huwa aktar propens, fuq il-bilanc tal-probbabilitajiet, li jaqbel mat-teżi tal-Perit Tancred Mifsud dwar l-effett ta' ilma, u partikolarment dwar l-effett tat-tibdil fis-sistema drenaġġ ta' l-ilma tax-xita, u kif ukoll fil-volum ta' ilma, li ċertament twassal għal żieda fil-pressa idrostatika fuq il-blat ħajt diviżorju. L-esponent jfakkar li l-pressa idrostatika tkun, ħafna drabi, ogħla minn dik tat-terrapien, għall-istess għoli. L-esponenti jaqbel mal-Perit Cassar, però, li l-kunsenturi eżistenti fil-blat taw kontribuzzjoni ghall-kollass li seħħ. Pero', għall-esponenti huwa ċar li partijiet tal-blat tqaċċtu minħabba s-sitwazzjoni ta' pressa fuq il-ħajt qabel il-kollass. Bl-informazzjoni u xhieda li kien hemm s'issa, l-esponenti ma jistax joffri aktar ċertezza lill-Onorabbli Qorti.

33. Jirrizulta car illi ma hemm ebda raġuni ghaliex dina l-Qorti ma għandhiex tabbracca u tagħmel taghha l-veduti u opinjonijiet ta' Espert mgħallem u struwit fil-qasam tiegħu, bhalma huwa l-Perit Professur Alex Torpiano, liema konklużjonijiet huma ċari u skjetti – ix-xogħolijiet illi saru mill-Fondazzjoni meta saret il-playing field, partikolarment l-installar ta' żewġ katusi ta' l-ilma illi eventwalment intradmu, wasslu sabiex taggrava s-sitwazzjoni tal-ħajt divizorju, li seta' gia' kellu fissuri go fih, liema aggravar eventwalment wassal għaċ-ċediment parzjali tal-ħajt diviżorju, liema ċediment seta' kellu konsegwenzi ferm aktar gravi u serji kieku seħħ f'ġurnata tax-xogħol u/jew ta' skola tat-tfal tal-primarja.

34. Għalhekk jirrizulta ampjament ippruvat illi l-kollass li seħħ fil-ħajt diviżorju bejn il-proprjeta' tar-rikorrenti u dik ta' l-Iskola ta' l-Imqabba kien riżultat tax-xogħolijiet u tibdiliet magħmula bħala parti mill-estensjoni ta' l-Iskola Primarja tal-Imqabba, partikolarment l-installar tal-katusi ta' l-ilma fejn

volum kbir ta' ilma gie konċentrat f'post wieħed u eventwalment mirduma sabiex ma jidhrux wara lment li ghamel ir-rikorrent dwar il-ħsara li tali ilma seta jikkawza.

## KONSTATAZZJONIJET LEGALI

35. Jirrizulta illi, apparti l-eccezzjonijiet ta' responsabbilta' tal-incident u x'ikkawza tali inċident, l-intimati qajjmu varji eċċezzjonijiet ta' natura legali illi jenħtieg illi jiġu kkunsidrati.

36. Jirrizulta illi d-**Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Artijiet u Propjeta' tal-Gvern**, li l-atti tiegħu eventwalment gew assunti mill-Awtorita' tal-Artijiet, qajjem żewġ eċċezzjonijiet preliminari, ossija:

    a. Illi ma kienx responsabbli ghall-ġestjoni tas-sit meritu tal-kawża, u għalhekk ma jistax jinżamm responsabbli;

    b. Illi huwa ma eżegwixxa ebda xogħolijiet u għalhekk ma seta' qatt ikkommetta xi aġir traskurat jew negliġenti.

37. Jirrizulta, mill-banda l-oħra, illi l-Ministru tal-Edukazzjoni u Xogħol eċċepixxa illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur stante illi l-Artikolu 181 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi l-Kap tad-Dipartiment għandu jirrapprezenta il-Gvern.

38. Il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet dwar l-eċċezzjonjiet fuq indikati:

### a. **L-eccezzjoni illi l-Awtorita' tal-Artijiet mhix responsabbli**:

Jirrizulta, fis-sottomissjoniet ta' l-abbli difensur tar-rikorrenti, illi "*d-Dipartiment tal-Artijiet għandu jinstab responsabbli bħala dan l-organu tal-Gvern ta' Malta illi f'idejh hija data l-propjeta' kollha tal-Gvern, bħalma hija l-propjeta' li kkollassat wara li nbena l-playground in kwistjoni għaliex ma jirriżultax u ma ġiex ippruvat illi huwa għamel dak kollu neċessarju sabiex jistabbilixxi jekk fil-fatt kienx hemm xi difett fil-kostruzzjoni tal-playground*"

Jirrizulta, mill-banda l-oħra, illi fis-sottomissjoniijet ta' l-abbli difensur tal-Awtorita' tal-Artijiet, illi "*ma jistax jinghad illi l-intimat huwa responsabbli merament ghaliex ma ntweriex illi l-istess intimat ma vverifikax illi x-xogħol li sar minn terz ma kienx wieħed difettuż. Dan l-argument jikser ghal kollox il-principju sakrosant abbracjat fil-kawzi tagħha "ei incumbit probatio qui dicit non ei qui nnegat*".

Jirrizulta ampjament ippruvat, mill-provi prodotti quddiemha, illi l-unika involviment tal-Awtorita' tal-Artijiet, dak iz-zmien Kummissarju tal-Artijiet, kien illi awtorizza lill-Fondazzjoni ghall-Iskejjel ta' Għada, intimata f'dawn il-proceduri wkoll, sabiex taċċedi fuq l-art ġewwa l-Imqabba u tieħu pussess ta' l-istess. Dana sar permezz ta' ittra datata 20 ta' Gunju 2007 illi kienet riżultat tal-espropriazzjoni illi kienet saret fit-8 ta' Marzu 2007 u li kienet saret fuq talba ta' l-istess Fondazzjoni fis-7 ta' Lulju 2004.

Għalhekk, l-unika involviment tal-Awtorita' tal-Artijiet kienet biss fit-tmexxija tal-process amministrattiv illi biha l-art ttiehdet mingħand ir-rikorrent permezz ta' espropriazzjoni u ngħaddiet f'idejn il-Fondazzjoni – għajr għal tali involviment, l-Awtorita' ma kellha ebda sehem la fl-iżvilupp ta' l-art u wisq anqas fil-verifiki dwar ix-xogħolijiet illi kellhom isiru.

Jirrizulta ċar illi tali xogħolijiet saru kollha fuq struzzjonijiet tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada u taħt is-superviżjoni ta' nies minnha mqabbda, u għalhekk l-Awtorita' tal-Artijiet ċertament ma tistax tinstab responsabbli għal xi ħsarat illi seta' sofra ir-rikorrenti riżultat ta' xogħolijiet illi għamlet il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada.

<u>Għalhekk, din l-eccezzjoni għandha tintlaqa'.</u>

b. **L-eccezzjoni illi l-Awtorita' tal-Artijiet ma ezegwiet ebda xogħolijiet u ma setgħet tikkommetti ebda att traskurat jew negliġenti**

Il-Qorti, għal tali eċċezzjoni, tapplika l-istess raġunament gia' spjegat għall-eċċezzjoni aktar 'l fuq ikkunsidrata – la darba l-Awtorita' tal-Artijiet ma kellha ebda involviment fl-iżvilupp u verifiki tax-xogħolijiet illi kienu qed isiru, wisq anqas ma qatt tista' tinstab responsabbli għal xi aġir traskurat jew negliġenti kif qed jikkontemplaw ir-rikorrenti fil-konfront tagħha.

<u>Għalhekk din l-eccezzjoni għandha tintlaqa' wkoll.</u>

c. **L-eccezzjoni illi l-Ministru tal-Edukazzjoni u Xoghol ma huwiex il-legittimu kontradittur a tenur tal-Artikolu 181 (1) tal-Kap 12.**

Il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 181B (1) huwa car u ma fih ebda ambigwità' meta jgħid is-segwenti:

> *"Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."*

Dana jfisser illi l-Ministru tal-Edukazzjoni u Xogħol qatt ma messu tħarrek fil-proceduri odjerni, u messu tħarrek BISS id-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, taħt liema Dipartiment taqa' l-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada, li għamlet ix-xogħolijiet li wasslu għall-kaz odjern.

Għalhekk din l-eccezzjoni għandha tintlaqa' wkoll.

## KONSTATAZZJONIJIET DWAR DANNI

39. Jirrizulta illi, waqt il-provi prodotti quddiemha, ir-rikorrent Innocent Farrugia ipprezenta prospett ta' l-ispejjez minnu sofferti, liema spejjez huwa kkwantifika fl-ammont ta' €8,435.27. (fol 144)

40. Jirrizulta illi, sussegwentement, il-Perit Tancred Mifsud ipprezenta prospett aktar dettaljat fejn, filwaqt illi inkorpora l-ispejjez gia' indikati mir-rikorrent kif fuq imsemmi, huwa żied spejjez addizzjonali kollha debitament akkompanjati b'ricevuta fiskali, filwaqt illi żied spejjez għal tindif, telf ta' ġebel li ma baqax aktar aċċessibbli u spejjez ta' riparazzjoni. (fol 167 - 168)

41. Jirrizulta illi l-ispejjez redatti mill-Perit Tancred Mifsud gew deskritti kif gej fis-sottomissjonijet ta' l-abbli difensur tar-rikorrenti:

    a. *<u>Lost softstone extraction blocks</u> – Il-Perit Mifsud ikkalkola fl-istima tiegħu il-qies tal-art li llum ma tistax tinħadem peress illi l-blat li waqa' huwa enormi, u għalhekk ma jistax jitneħħa minn fejn waqa'. L-istima hija bbazata fuq nofs il-valur tal-gebel meta jinbiegħ billi dan il-ġebel ovvjament huwa mitluf u għalhekk mhux ser ikun hemm spejjez ta' ħaddiema, dawl u anke makkinarju sabiex dan jitqatta'.*

       ***TOTAL: €73,843.52***

    b. *<u>Retaining wall constructed to support collapsed loose material/rock</u>: Dan il-ħajt ittella' wara li seħħ l-incident sabiex il-blat u l-materjal ma jkomplix jizzerzaq għal ġewwa l-propjeta' tal-esponenti.*

       ***TOTAL: €17,119.31***

    c. *<u>Expenses as per attached fiscal reciepts:</u> Dawn huma l-ispejjez li batew l-esponenti wara li seħħ l-incident u li kienu gia' gew ikkonfermati bil-gurament mill-esponenti Innocent Farrugia waqt dawn il-proceduri qabel ma giet ezibita l-istima tal-perit*

*Tancred Mifsud flimkien mal-ircevuti relattivi u jikkonsistu fis-segwenti:*

***TOTAL: €13,092.44***

*d.* <u>*Day Works for clearing and compacting loose material and reduce lost surface area:*</u> *Il-Perit Mifsud hawn ta l-istima tax-xogħol rikjest biex parti mill-materjal li waqa' ghal ġewwa l-barriera jitnaddaf, li jinkludi l-ħlas tal-ħaddiema kif ukoll l-użu tal-makkinarju sabiex dan ikun jista' jsir. Oltre dan, huwa wkoll ta stima sabiex tinbena l-kamra u l-giebja li kienu jinsabu fil-propjeta' tiegħu biswit il-playground u li ġġarfu meta seħħ l-incident:*

***TOTAL: €37,514***

42. Jirrizulta minn l-assjem tad-danni kif fuq maħduma, illi t-total tad-danni kontemplati mir-rikorrent jammontaw ghal **mija u wiehed erbghin elf, ħames mija u wiehed u sebghin Euro u sebgha u ghoxrin ċenteżmu (€141,571.27)**

43. Jirrizulta illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni biex tikkontesta w/jew tirriduci d-danni hekk kif likwidati, kemm stante illi huma korroborati b'fatturi, fejn applikabbli, kif ukoll peress illi hemm riduzzjoni gia kontemplata f'tali somma fejn telf ta' bejgh huwa kalkolat.

## KONSIDERAZZJONIJIET FINALI

44. Mill-assjem tal-provi miġbura quddiem dina l-Qorti, illi ħadu aktar minn sitt snin sabiex jinġabru, jirrizulta illi l-Fondazzjoni intimata, ossija Fondazzjoni tal-Iskejjel ta' Għada, għamlet xogħolijiet ta' tisbieħ fl-Iskola Primarja tal-Imqabba, partikolarment l-installazzjoni ta' zona rikreattiva u *5-a-side football pitch*, mingħajr ma ħadet in-neċessarji prekawzjonijiet dwar verifiki tal-art fejn tali xogħolijiet kienu qed isiru, partikolarment in vista tal-fatt illi biswit tali żvilupp ta' zona ta' rikrejazzjoni għat-tfal zgħar kien hemm barriera fonda aktar minn disgha sulari.

45. Jirrizulta wkoll illi l-istess Fondazzjoni, tramite l-General Manager tagħha Carmel Farrugia, kienet ben a korrent tal-fatt illi riżultat tax-xogħolijiet tagħhom, kien qed jinġabar ammont konsiderevoli ta' ilma u jispiċċa ġewwa l-barriera tar-rikorrent tramite ta' żewġt katusi kbar minnhom installati, u, rinfaccjati bil-problema tal-ilma mir-rikorrenti, huma solvew tali ilment billi daħħlu tali katusi ġewwa l-ħamrija sabiex jaħbu l-problema u l-ilma jidħol fil-

ħamrija, liema soluzzjoni ma solviet assolutament xejn u, anzi, kompliet aggravat is-sitwazzjoni u wasslet għall-eventwali kollass tal-ħajt wiesgħa aktar minn għaxar piedi.

46. Jirrizulta, għalhekk, illi l-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada hija responsabbli għall-ħsarat sofferti mir-rikorrenti, riżultat ta' tali kollass tal-ħajt.

47. Jirrizulta wkoll illi d-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, bħala l-Kap tad-dipartiment tal-gvern li taħtu taqa' il-Fondazzjoni ghal-Iskejjel ta' Għada huwa wkoll responsabbli għal tali ħsara u għandu jirrispondi għan-nom tal-Gvern ta' Malta.

48. Jirrizulta, madanakollu, illi l-Awtorita' tal-Artijiet, gia' Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Artjiet u Propjeta' tal-Gvern, ma messha qatt ġiet imdaħħla fil-proċeduri odjerni, stante illi qatt ma kienet involuta f'ebda tip ta' xogħolijiet fuq l-art tal-Iskola Primarja tal-Imqabba.

49. Jirrizulta wkoll illi l-istess għandu jingħad dwar il-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol, fejn huwa qatt ma messu gie imsejjaħ f'tali proċeduri stante illi, a tenur tal-Artikolu 181B, r-rapprezentanza tal-Ministeru u il-Gvern tvesti fid-Direttur Generali, bħala Kap tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

## KONKLUZJONI

### Il-Qorti

Wara illi rat l-atti kollha processwali, inkluż ix-xhieda w id-dokumentazzjoni kollha,

Wara li rat ir-rapport Peritali tal-abbli Perit Professur Alex Torpiano, u

Wara illi rat is-sottomissjonijet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi,

**Tillibera** mill-osservanza tal-ġudizzju lill-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol u l-Awtorita' tal-Artjiet;

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif maghmula unikament fil-konfront tal-Fondazzjoni ghall-Iskejjel ta' Għada u d-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, u għalhekk

**Tiddikjara** illi l-kollass tal-parti mill-*playground* tal-iskola primarja tal-Imqabba li seħħ fit-28 ta' Frar 2010 għal ġewwa l-proprjeta' tar-rikorrenti, ossija l-barriera li tinsab fl-inħawi magħrufa bħala 'Tax-Xantin', Imqabba, seħħ tort unikament tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada u d-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni minħabba

negligenza, traskuragni u n-non osservanza tar-regolamenti tal-bini da parti tagħhom u minħabba illi l-izvilupp ma sarx skond is-sengha u l-arti;

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti per konsegwenza tal-kollass ta' parti mill-iskola primarja tal-Imqabba fit-28 ta' Frar 2010 għal gewwa l-proprjeta' tar-rikorrenti fl-ammont ta' mija u wiehed erbghin elf, ħames mija u wiehed u sebghin Euro u sebgha u ghoxrin ċenteżmu (€141,571.27);

**Tordna** lill-Fondazzjoni ghall-Iskejjel ta' Għada u d-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni in solidum bejniethom iħallsu lir-rikorrenti is-somma ta' **mija u wieħed erbghin elf, ħames mija u wiehed u sebgħin Euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€141,571.27)**

**Spejjez** tar-rikorrenti ikunu a kariku tal-Fondazzjoni ghall-Iskejjel ta' Għada u d-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni in solidum bejniethom għajr għall-ispejjez tal-Awtorita' tal-Artjiet u tal-Ministru tal-Edukazzjoni, illi għandhom ikunu a kariku esklussiv tar-rikorrenti.

**Imgħax** kalkolabbli mid-29 ta' Gunju 2013, data meta rrediġa l-prospett tad-danni l-Perit Tancred Mifsud (fol 167), sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**